

**Talbiet**

- tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-perijodu bejn is-16 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014, kif iffinalizzat fil-31 ta' Marzu 2015 mill-evalwatur ta' appell ("Assessor") u ffirmat mir-rikorrenti fl-14 ta' April 2015;
  - tannulla d-deċiżjoni tal-awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti tal-1 ta' April 2015, li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrenti;
  - tannulla ż-żewġ deċiżjonijiet tal-awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti tas-26 ta' Ottubru 2015, li jiċħdu ż-żewġ ilmenti tar-rikorrenti tat-30 ta' Ġunju 2015 kontra ż-żewġ deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq;
  - tordna l-ħlas lir-rikorrenti tad-danni fl-ammont ta' EUR 10 000;
  - tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.
- 

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2016 – ZZ et vs Il-Parlament**

(Kawża F-9/16)

(2016/C 145/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentant: M. Casado Garcia-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjonijiet li jiċħdu lill-erba' rikorrenti l-għoti tal-allowances tal-edukazzjoni għas-sena 2014-2015 u għas-snin sussegamenti u l-kundanna tal-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrenti l-allowances tal-edukazzjoni għas-sena 2015/2016, flimkien mal-interessi kkalkolati mid-dati li fihom dawn is-somom kienu dovuti skont l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet**

- jannulla d-deċiżjoniċi indviduali kkontestati tal-24 ta' April 2015;
  - jekk ikun hemm bżonn, jannulla d-deċiżjoniċi tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew iddatati s-17 ta' Novembru u d-19 ta' Novembru 2015;
  - jikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-allowances tal-edukazzjoni għas-sena 2015/2016 flimkien mal-interessi kkalkolati mid-dati li fihom dawn is-somom kienu dovuti skont l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.
  - jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.
-